**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**
**- vs -**
**Raymond Cini ta' 19-il sena, bin Emanuel u Rose nee' Camilleri, li joqghod 38, Triq Ghajn Mellel, Zebbug, Ghawdex.**
**(I.D. no. 12680G)**

Illum 23 ta' Mejju, 2001.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli (1) fil-15 ta' Jannar, 2000 ghal habta tan-00.25a.m. saq karozza BBG 631 matul Triq Rabat limiti tal-Munxar, Ghawdex u b'imprudenza, negligenza u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku habat ma' karozza GAH 176 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Nazzareno Hili mix-Xaghra, Ghawdex u ma' karozza CAK 719 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Victor Hili mill-Imgarr, Ghawdex, u ma' karozza AAO 776 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Josam Portelli min-Nadur, Ghawdex, (2) aktar talli kkaguna feriti hfief salv kumplikazzjonijiet skond ma ccertifika verbalment Dr. Coronato Grech M.D. ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex, fuq il-persuna ta' Franklin Hili mix-Xaghra, Ghawdex u feriti gravi fuq il-persuna ta' Diane Azzopardi mix-Xaghra, Ghawdex skond ma ccertifika Dr. Michael Portelli ta' l-Isptar Generali t'Ghawdex, (3) izjed talli saq l-istess karozza b'velocita' eccessiva u b'manjiera perikoluza.

Semghet il-provi;

Semghet ukoll ir-rinunzja ta' Nazzareno Hili u ta' Franklin Hili;

Ikkunsidrat illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dan l-incident sehh in segwitu ta' tigrif ta' hajt fi zmien fejn kienet niezla hafna xita u meta kien id-dlam. Il-hajt imgarraf kellu gebel ghal fuq it-triq u kien immarkat permezz ta' 'barrier'. Jidher izda li precedentement kien hemm xi incident fejn il-'barrier' imdawwal ittajjar minn haddiehor u ghalhekk is-sewwieq li kien gej mid-direzzjoni opposta invada l-karreggjata tieghu meta kellu jevita l-gebel.

Is-sewwieq l-iehor huwa imputat f'kawza li qed titmexxa flimkien ma' din. Minn dak li rat u semghet il-Qorti ma jidhirx illi dak li ghamel l-imputat

ghandu jkun suggett ta' kawza kriminali ghaliex il-mertu huwa ta' wiehed indoli civili. F'dawn il-proceduri, iz-zewg sewwieqa mhumhiex responsabbli kriminalment ghall-akkadut.

Ghal dawn il-motivi ma' ssibhomx hatja u tilliberahom.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur